**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**John Magro bhala Direttur ta' Gozo Retail Services Limited li joqghod 108, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita Nru. 50955 (G)**

Illum 28 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-kwalita tieghu ta' Direttur ta' Gozo Retail Services Limited ta' 9/10 Valley Street, Rabat, Ghawdex, talli meta fl-20 ta' Jannar, 1999 hu temm il-kuntratt definit ta' l-ex impjegata tieghu Georgina Gauci, liema kuntratt kellu jiskadi fit-18 ta' Settembru tas-sena 2000, fuq bazi ta' redundancy, hu naqas li jikkumpensa ta' dan il-ksur b'ammont ekwivalenti ghal nofs il-paga li tkun tmiss lill-istess ex-impjegata dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem, u cioe' is-somma ta' Lm2240.25c u dan bi ksur ta' l-artikoli 10, 34 (II) u 41 tal-Kap 135.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tordna lill-akkuzat li jhallas lil Georgina Gauci l-ammont ta' Lm2240.25c bhala kumpens ghall-ksur tal-kuntratt tax-xoghol miftiehem bejniethom.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi f'din il-kawza hemm zewg verzjonijiet konflingenti. Il-kwerelanta tghid illi l-impieg taghha kien terminat a bazi ta' redundancy kif del resto jidher mid-dokument iffirmat minn Noel Camilleri (firma fuq dan id-dokument taqbel mal-firma fuq il-kuntratt tal-impjieg 'Dok. JM 1') meta din kellha kuntratt ghal zmien definit bil-miktub. L-imputat jghid illi l-impieg kien terminat ghal ragunijiet ta' mgieba hazina u nsubordinazzjoni tant li meta l-management wissew lill-kwerelanta, qabdet u telqet. Ingiebet prova ta' twissijiet lill-kwerelanta liema prova l-kwerelanta tghid li kienu fabbrikati.

L-imputat jghid illi ma ngabitx prova li hu Direttur tal-Gozo Retails Services Limited.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-kwerelanta ghandha ragun f'dan il-kaz. Il-fatt illi kienet ghadha fl-impjieg fid-data tat-tkeccija jfisser biss illi l-kuntratt tad-19 ta' Settembru 1994 validu sat-18 ta' Settembru 1997 kien iggedded awtomatikament wara l-anniversarju tieghu.

Il-Qorti ma tistax taccetta li l-Personnel Manager jaghmel zball grossolan bhal dak li jallega li ghamel li nizzel ir-raguni ta' terminu ta' mpjieg bhala redundant meta kellu raguni ohra ta' tkeccija.

Da parti teighu John Magro stess qal li hu Direttur tal-Gozo Retail Services Limited u jaf b'dak kollu li qed jigri fi hwejgu meta jghid li ta struzzjonijiet biex tkun ammonita.

Il-kweralanta provat fil-grad li trid il-Ligi, s-salarju li kienet tiehu. Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati.

Wara li rat l-artikoli 10, 23, 29 u 40 tal-Kap 135 u l-Avviz Legali 112/88;

Tikkundannah ihallas multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50) u tobbligah ihallas lil Georgina Gauci s-somma ta' Lm2240.25c fi zmien xahar mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur